MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2015

Numru. 79/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**
**Vs**
**Florian Andre' Jean Ribouchon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Florian Andre' Jean Ribouchon, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Frederic u Patricia nee' Lebras, imwieled gewwa Franza fid-9 ta' Ottubru 1990, residenti gewwa 38, Triq is- Sorrijiet, San Giljan, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin- Numru 111106200677, talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Jannar 2015 f' xi hin matul il-gurnata, gewwa 31, Flat 1, Triq Camenzuli, Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara tiskorri elfejn u hamest mitt Euro (€2,500), ghad-detriment ta' Shamison Busuttil, detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 63487(M) u jew ta' persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' Artiklu 325(1)(a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Shamison Busuttil, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 63487(M), u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi ordnat ihallas lill-parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunatai permezz tar-reat;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena, senjatament id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jkunx idoneju li tigi mposta piena karcerarja fuq l-imputat izda ikun aktar idoneju jekk l-imputat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor ghal zmien impost mill-Qorti, u dana billi kien l-imputat stess li mar l-Ghassa w ammetta li kien hu li ikkawza l-hsarat fil-proprjeta' ta' Shamison Busuttil u fil-fatt ikkopera fil-kuntest ta' l-investigazzjoni li kienet qed issir. Apparti minn hekk l-imputat hallas ghall-hsarat ikkawzati u l-ammont hekk imhallas gja gie mghoddi lill-vittma.

Rat li l-imputat hallas is-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) biex jaghmel tajjeb ghall-hsara kawzata minnu.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Jannar 2015 f' xi hin matul il-gurnata, gewwa 31, Flat 1, Triq Camenzuli, Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara tiskorri elfejn u hamest mitt Euro (€2,500), ghad-detriment ta' Shamison Busuttil, detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 63487(M) u jew ta' persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' Artiklu 325(1)(a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuza hekk dedotta fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, li ikkopera mal-Pulizija u li hallas ghad-danni kkagunati minnu.

Ghalhekk wara li rat u ikkunsidrat l-Artikolu 325(1)(a) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, ghad illi li ma tiggustifikax l-attegjament tal-imputat u tqis li dak li ghamel kien ghal kollox immatur, Hi tal-fehma li huwa iddispjacieh minn dak li ghamel u anki assuma r-responsabbilta' tieghu u ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz ma jkunx spedjenti li timponi terminu ta' prigunerija fuq l-imputat u ghaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta'

Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem illi jekk huwa jwettaq xi reat iehor fi zmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat trattat f'dawn il-proceduri.

Fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputat bid-dritt tieghu li jinghata kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhem, izda l-imputat iddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li nghatatlu tas-sentenza waqt is-seduta tal-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------